**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 27 ta' Frar 2018**

Rikors Guramentat Nru. 45 / 09RGM

Kawza fil-lista: 5

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument A.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, D (16-il sena) u E (14-il sena) ahwa B.

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, minhabba li l-intimata rrendiet ruhha hatja lejn zewgha l-esponenti ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi u minhabba inkompatibilita ta' karattru.

4. Illi l-esponent talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jipprocedi f'dina l-istanza kontra martu ghas-separazzjoni personali, skont ma jirrizulta mid-dokument B li qed jigi anness.

5. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab ghalhekk l-attur, sabiex il-konvenuta tghid l-ghaliex il-Qorti ma ghandhiex :

(1) Tiddikjara illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u ghaldaqstant tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi li l-intimata kkommettiet kontra zewgha r-rikorrent, u minhabba inkompatibilita ta’ karattru.

(2) Tafda lir-rikorrent bil-kura u kustodja tal-minuri D u E ahwa B, u tiffissa l-access tal-intimata ghall-istess ulied minuri.

(3) Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas ghal uliedha minuri, u ghar-rikorrent jekk ikun il-kaz, dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodikabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

(4) Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimata l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(5) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni b’mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u danakollu okkorrendo bl-opera ta’ perit nominand; u tordna wkoll id-divizjoni u assenjazzjoni ta’ gid iehor okuni li hemm bejn il-kontendenti; bl-eventwali bejgh b’licitazzjoni ta’ dakollu li mhuwiex kommodament divizibbli, u dan bl-ammissjoni ta’ oblaturi estraneji, u taghti kull provvediment xieraq u opportun fosthom illi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-intimata fl-evntwali kontumacja taghha fuq l-istess att.

(6) Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lir-rikorrent il-beni u krediti parafernali u dotali tieghu u kull kreditu li hu ghandu kontra l-komunjoni tal-akkwisti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li qieghda tigi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament in-nullita tal-procedura u kwindi tal-kawza stante illi skont gurisprudenza ricenti r-rikorrenti kellu jerga jintavola il-medjazzjoni mill-gdid u mhux semplicement jitlob estensjoni tat-terminu halli jipprocedi f'din l-Istanza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti taqbel li tigi dikjarata s-separazzjoni personali minn ma zewgha izda mhux ghar-ragunijiet attribwibbli lilha. Illi l-htija tas-separazzjoni personali hija attribwibbli unikament lir-rikorrent li rrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti martu ta' adulterju, swat, minacci, eccessi, ingurji gravi u sevizzi;

3. Illi l-esponenti qed topponi li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn r-rikorrent stante illi r-rikorrent qatt ma ha ebda kura ta' uliedu u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt il-kawza;

4. Illi b'konsegwenza l-esponenti ma taqbilx illi ghandha thallas manteniment ghal minuri u/jew ghar-rikorrent stante illi hija tikkontendi illi l-kura u l-kustodja ghandha tigi affidata lilha u r-rikorrent ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment kemm ghall-esponenti u kemm ghal uliedu u fi kwalunkwe kaz r-rikorrent iddekada mid-dritt illi jitlob jew jircievi manteniment.

5. Illi l-esponenti qed topponi ghar-raba' talba u dan peress li hija mhiex hatja tal-firda kif ser jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi l-esponenti taqbel li tigi dikjarata xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u li jigu likwidati l-beni in komuni bejniethom, izda ma taqbilx li hija iddekadiet minn xi porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti peress li hija ma hijiex hatja tal-ksur ta' dan iz-zwieg. Illi kien r-rikorrent li tahti ghall-firda kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-mori tal-kawza u ghalhekk l-esponenti ghandha jinghata lilha d-dritt illi tabita fid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied.

7. Illi l-esponenti qed topponi ghas-sitt talba u tiddikjara li ma ghandhiex beni parafernali tar-rikorrenti fil-pussess taghha;

8. Illi l-esponenti qed topponi ghall-ispejjez ta' din il-procedura;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 2009 meta l-konvenuta ddikjarat li kienet qed tirtira l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-affidavit tal-attur u hmistax-il dokument mieghu annessi markati Dok A sa Dok O li gew ipprezentati fis-seduta tal-14 ta’ Lulju 2009, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-konvenuta mahluf fit-2 ta’ Novembru 2009 anness ma’ nota minnha pprezentata fl-istess gurnata;

Rat ir-rapport tas-Social Worker Denise B pprezentat fit-3 ta’ Dicembru 2009;

Rat ix-xhieda tal-Ispettur Priscilla Caruana, li pprezentat erba’ rapporti li saru mill-attur kontra l-konvenuta, fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, kif ukoll erbatax-il affidavit pprezentatipprezentati mill-attur fl-istess seduta;

Rat l-affidavit responsiv tal-konvenuta, mahluf fit-18 ta’ Marzu 2010, fejn ikkummentat dwar l-erbtax-il affidavit pprezentatipprezentati mill-attur;

Rat x-xhieda ta’ Jeanette Lepre’ ghall-Lombard Bank, PC 583 Ivan Grech u Audrey Ghigo ghall-HSBC Bank Malta plc li xehedu fis-seduta tal-25 ta’ Marzu 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat d-digriet ta’ din il-Qorti moghti fid-9 ta’ April 2010 fejn l-attur gir ordnat ihallas €250 manteniment fix-xahar ghal kull wild sakemm dawn jkunu taht l-eta’ kif ukoll €200 fix-xahar manteniment ghall-konvenuta;

Rat x-xhieda ta’ Romwald Attard, ghall-Bank of Valletta plc li xehed fis-seduta tat-18 ta’ Mejju 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-PS850 Simon Buttigieg, ta’ Romwald Attard, ta’ PS645 Jerry Attard, ta’ WPC239 Mary Rose Pace u tal-konvenuta C B in kontro ezami li xehedu fis-seduta tal-10 ta’ Gunju 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta’ Romwald Attard u tal-konvenuta in kontro-ezami li xehedu fis-seduta tat-28 ta’ Settembru 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-attur, flimkien ma' album tar-ritratti, annessi ma' nota pprezentata fit-30 ta’ Settembru 2010;

Rat il-kontro-ezami tal-konvenuta, li sar fis-seduta tal-24 ta’ Novembru 2010, u fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 2011, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-3 ta’ Dicembru 2010;

Rat ix-xhieda tal-attur u tal-konvenuta li xehedu fis-seduta tat-8 ta’ Marzu 2011, u fis-seduta tal-4 ta’ Mejju 2011,mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta’ Aaron Gravina, hu l-konvenuta, li xehed fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2011, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-2 ta’ Novembru 2011 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Vincent Galea bhala Perit Legali;

Rat l-affidavit tal-konvenuta anness ma' nota tas-6 ta’ Gunju 2013 u dak tal-attur anness ma’ nota tad-19 ta’ Gunju 2013;

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti tal-4 ta’ Novembru 2013;

Rat l-affidavit tal-konvenuta, anness ma’ nota pprezentata fl-14 ta’ Jannar 2014, kif ukoll dak ta’ E B, ta’ Heidi Fenech u ta’ Keith Fenech annessi mal-istess nota;

Rat l-affidavit ulterjuri ta’ E B annesss ma’ nota tal-konvenuta pprezentata fl-14 ta’ Frar 2014;

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Marzu 2014 fejn l-attur gie ordnat jhallas manteniment lill-konvenuta ghall-binthom E, li regghet marret tghix ma’ ommha, l-ammont €200 fix-xahar b’effett mill-14 ta’ Frar 2014, li jizdied kull sena skont l-gholi tal-hajja;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fil-11 ta’ Gunju 2015[1], u dik tal-attur ipprezentata fl-24 ta’ Awissu 2015[2] u n-nota ta’ osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuta pprezentata fit-8 ta’ Ottubru 2015[3];

Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Vincent Galea mahluf fis-6 ta’ Ottubru 2016;

Rat il-mistoqsijiet tal-konvenuta in eskussjoni tal-Perit Legali annessi ma’ nota tal-15 ta’ Novembru 2016, u t-twegibiet tal-istess Perit Legali annessi ma’ nota pprezentata fit-3 ta’ April 2017;

[1] Fol. 1053
[2] Fol. 1090
[3] Fol. 1105

Rat id-digriet moghti fil-31 ta' Mejju 2017 fl-atti tal-kawza numru 67/2017RGM fl-ismijiet inversi li permezz tieghu l-Qorti ordnat il-konnessjoni taz-zewg kawzi. Ghalhekk il-provi li ingabru fil-kawza odjerna ser jitqiesu wkoll bhala provi migbura fil-kawza numru 67/2017RGM li qed tigi wkoll deciza kontestwalment.

Rat ix-xhieda in eskussjoni ulterjuri tal-Perit Legali li xehed fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2017;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet konklussiva tal-konvenuta pprezentata fl-20 ta' Novembru 2017 u n-nota ta' sottomissjonijiet konklussiva tal-attur tal-15 ta' Dicembru 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2017 fejn il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi maghluq fiz-zewg kawzi numru 45/09 u 67/17 u li gew differiti ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

Il-Perit Legali, fir-relazzjoni tieghu, fil-parti XHIEDA, rriproduca dak li xehdu l-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti, li ghall-fini ta' pratticita' qed jigu hawn riportati.

**L-attur A B** xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit (fol. 29). Qal li hu u l-konvenuta bdew johorgu flimkien f'Gunju, 1987 u fl-1 ta' Marzu, 1991 izzewgu. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal u cioe D fit-28 ta' Novembru, 1992 u E fil-5 ta' Ottubru, 1994.

Ghal bidu tal-hajja matrimonjali, kompla jghid l-attur, l-affarijiet kienu sejrin tajjeb u l-litigji li kien ikun hemm, kienu zghar u insinifikanti.

F'Jannar, 2006 it-tilwim bejn il-partijiet lahaq il-qofol tieghu meta l-konvenuta kitbitlu ittra dwar x'kien qieghed idejjaqha mir-relazzjoni taghhom. Wara din l-ittra kien hemm koppja u cioe Vince u Erika li regghu resquhom qrib xulxin tant li dik is-sena stess marru ghaxart' ijiem l-Irlanda.

Meta kienu jiggieldu, kompla jghid l-attur, gieli kienu jaghmlu xi gimgha ma jitkellmux izda mbaghad wara kienu jirrangaw u kienu jahfru lil xulxin. Minkejja dan, kull darba li kien ikollhom xi gliedha, kompla jghid l-attur, il-konvenuta kienet terga ssemmi ta' dak kollu li kien inqala precedentement. Mhux darba jew tnejn il-partijeit kienu jispiccaw jghajtu ma' xulxin quddiem it-tfal. Sahansitra kien hemm xi tnejn jew tlett okkazzjonijiet fejn waqt il-glied li kien jinqala l-attur kien ikecci u jisforza lill-konvenuta 'il barra mid-dar matrimonjali u dan sabiex it-tfal ma jibqawx jarawhom jiggieldu. Qal li b'hekk il-konvenuta gieli ghamlet xi lejl barra u meta kienet tirritorna lura d-dar, huwa dejjem accettaha lura.

L-attur qal li l-konvenuta kienet ossessjonata fuqu u b'dak li kien jaghmel. Kienet takkuzah li kellu lill-haddiehor u meta darba hadha ghand zewgt ihbieb taghhom, Colin Vassallo u WPC Rita Bellizzi sabiex tistaqsihom dwar dawn l-allegazzjonijiet, huma wegbuha fin-negattiv. Minkejja dan, kompla jghid l-attur, il-konvenuta xorta baqghet mhux konvinta.

F'Jannar, 2007 il-konvenut telqet mid-dar matrimonjali fil-Qrendi flimkien mat-tfal u marret tghix gewwa d-dar taghhom ta' Birzebbuga. Dan gara wara li kienet inqalghet tilwima ohra bejniethom. Madwar tlett gimghat wara huwa mar Birzebbuga l-ghaliex il-konvenuta ma rieditx titla lura l-Qrendi. Qal li huwa skopra li l-konvenuta bdiet tiehu lil binthom E ghal laqghat tal-Jehovah's Witnesses u dan minghajr il-kunsens tieghu. Anzi, l-attur kien kontra li l-konvenuta u binthom jattendu ghal dawn il-laqghat. Huwa baqa jghix Birzebbuga mal-konvenuta u uliedhom ghal sentejn shah.

Qal li huwa kien sahansitra talab lill-martu l-konvenuta sabiex tkellem psikjatra l-ghaliex hass li hija kellha bzonn l-ghajnuna izda din ma riditx l-ghaliex qaltlu li huwa riedha taghmel hekk sabiex tinqafel fi Sptar. Sahansitra, kompla jghid l-attur huwa kien qal lill-konvenuta li kien lest li jissottometti ruhhu ghal ezami psikjatriku ukoll. L-iskop tieghu, kompla jghid l-attur kien sabiex jghinha u xejn aktar.

Fl-2007 bdew jattendu laqghat ta' *counselling* ghand ta' Kana izda fit-tieni laqgha, l-konvenuta bdiet tigdeb fuqu, qal l-attur, u huwa qabad u telaq 'il barra u ma regax mar.

L-attur sahaq li meta l-konvenuta bdiet tattendi l-laqghat tal-Jehovah's Witnesses hija tbiddlet hafna. Maz-zmien l-attitudni lejn il-familja ukoll tbiddlet u l-kommunikazzjoni marret ghal aghar. L-attur qal li l-konvenuta tant bdiet tiffissa fuq il-Jehovah's Witnesses li anke meta kienu marru gimgha gewwa l-Lussemburgu, hija kienet hadet xi leaflets taghhom biex tqassamhom lin-nies. Anke hawn kellhom xi jghidu. L-istess haga gara meta marru gimgha Selmun f'Awwissu, 2008. Is-suspetti taghha fih, kompla jghid l-attur ma waqfux.

L-attur stqarr li l-uniku intopp li kien hemm bejn il-partijiet sabiex jintlahaq ftehim kien il-fatt li l-konvenuta ma rieditx tahdem u li huwa kellu jibqa jmantnieha. L-attur qal li huwa ma accettax dan il-fatt u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

F'Jannar, 2009 l-attur telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix l-Qrendi. Huwa qal li ddecieda li jipprocedi b'din il-kawza "*minhabba din l-attitudni negattiva tal-intimata fil-konfront tieghi u fil-konfront tal-hajja matrimonjali, l-akkuzi fiergha u l-attegjament xejn denju ta' marti*" (fol. 33).

Huwa qal li l-hajja matrimonjali spiccat fix-xejn minhabba l-attitudni ta' martu lejh meta hija kienet takkuzah b'affarijiet li ma kienux minnhom. Kull meta kien johrog kienet tistaqsieh fejn kien mar, kienet iccempel lin-nies biex tara fejn kien u affarijiet simili ohra. Qal li dawn il-hsibijiet tal-konvenuta lilu kissruh minn gewwa l-ghaliex martu ma kienitx tafdah.

Ghar-rigward tas-safar huwa qal li kienu biss f'xi ftit okkazzjonijiet li kien siefer wahdu ghad-divertiment. Ghal bqija dejjem kien isiefer mal-konvenuta wahedhom jew inkellha mat-tfal. Kien hemm ukoll okkazzjonijiet fejn kien isiefer fuq xoghol u allura huwa bilfors kien imur wahdu f'dawn l-okkazzjonijiet. L-attur ipprezenta ukoll dokument VP 2 (fol. 601) li juri l-korsijiet li attenda barra minn Malta fuq xoghol. Esebixxa ukoll dok. VP 3 (fol. 621) li jindika s-safar li kien ghamel ma' familtu u wahdu.

In kontro-ezami l-attur qal li l-konvenuta kienet mara tad-dar u gieli ghamlet xi xogholijiet ghall-barranin waqt li kienet id-dar. Qal li martu kienet tiehu hsieb l-affarijiet tad-dar ghalkemm anke hu kien jghin. Ikkonferma pero' li martu kienet taghmel aktar xoghol minnu d-dar u dan peress li huwa kien imur ix-xoghol. Ghar-rigward tal-edukazzjoni tat-tfal tal-kontendenti huwa qal li kemm-il darba kien mar il-*parents day* u hu kien primarjament jiehu hsieb f'dan ir-rigward. It-tfal kienu jmorru bit-trasport ta' l-iskola u kienu jitwasslu quddiem il-bieb tad-dar. Stqarr pero' li l-konvenuta kienet toqghod mat-tfal ghall-*homeworks* iktar milli kien joqghod hu. Fuq l-indafa tat-tfal, huwa qal li ghal bidu ma kienx hemm problemi izda meta beda jinqala l-inkwiet, beda jara l-affarijiet sejrin lura.

L-attur cahad li qatt kien hemm xi episodji ta' vjolenza quddiem it-tfal ghalkemm stqarr li kien hemm okkazzjonijiet fejn hu u l-konvenuta kienu llatikaw quddiem it-tfal. Qabel li meta kien jitfa' l-martu 'il barra mid-dar meta kien ikollhom xi argument huwa kien jaqbadha u jmexxieha l'barra mid-dar ghax ma kienx jiflah aktar ghal gideb. Fl-affidavit tieghu, l-attur juza l-kelma "*nisfurzaha*". Fil-kontro-ezami qal li meta kien jaghmel hekk kien "*kemm nimbuttaha*".

Ghar-rigward ta' Raymond Abdilla, huwa qal li fil-bidu, dan kien ihallsu tax-xoghol izda mbaghad wara li weggha saqajh ma baqax jghinu u kien imur ghandu biex jghidu kelma. Wara li fieq, huwa reggha beda jmur jghinu izda mhux b'mod regolari. Qal ukoll li flok flus huwa beda juza l-ingenji ta' Abdilla ghall-kostruzzjoni tal-postijiet tieghu u ta' ohtu.

Fuq il-flejjes parafernali tal-konvenuta, l-attur qal li "*l-konvenuta kellha flus u dawn thalltu ma' flejjes tieghi. Ma niftakarx kemm kien dan l-ammont pero naf li kien iktar minn dak li kelli jien l-ghaliex il-konvenuta kienet bdiet tahdem ta' 16-il sena*". Huwa qal ukoll li qabel iz-zwieg kellu karozza VW Jetta li kienet stmata Lm800 u mutur li bieghu Lm160 wara z-zwieg.

Ghar-rigward tal-hin li huwa kien jiddedika ghal familja, l-attur qal li huwa esebixxa album bir-ritratti biex juri kemm kien hemm okkazzjonijiet fejn kienu jkunu familja kollha f'daqqa. Kien hemm zmien fejn dan il-hrug ikun naqas peress li huwa kien involut f'diversi affarijiet. Meta kien qata l-*club* tal-*football* huwa beda jibni d-dar ta' Birzebbuga u allura bilfors kien ikollu jqatta hafna hin il-boghgod mill-familja. Id-dar bnieha hu u fejn ma kienx jifhem jew ilahhaq kien iqabbad in-nies. Huwa bilfors kien ikollu joqghod maghhom. Da parti taghha, l-konvenuta kienet tkun qeghda tiehu hsieb it-tfal.

L-attur qal li l-problemi fiz-zwieg bdew lejn l-ahhar sentejn tal-konvivenza

matrimonjali u dan meta l-konvenuta ma bdietx taghti kas aktar. Lit-tfal, kompla jghid l-attur, baqghet tiehu hsieb il-bzonnijiet taghhom, izda lilu, rari kienet issajjarlu.

Mistoqsi jekk kienx mar ghal precett ta' l-iskola, l-attur qal li jista jkun li ma marx l-ghaliex kien xoghol. Dwar il-*concerts* taghhom, huwa qal li gieli mar u gieli ma marx.

**Il-konvenuta** xehdet bil-procedura ta' l-affidavit. Hija qalet li qabel ma zzewget kellha s-somma ta' Lm12,000 imfaddlin li minnhom hallset it-tieg u harget il-kumplament biex tinxtara d-dar tal-Qrendi. Tghid li qabel ma zzewgu l-attur kellu biss Lm4,000. Huma sselfu ukoll l-ammont ta' Lm9,000 biex setghu xtraw dan il-post. Hija qalet li qabel ma zzewgu hi kellha flus l-HSBC u flus fil-Bank of Valletta.

Hija qalet li wara li zzewgu baqghet tahdem u meta kellhom it-tfal zghar hija kienet taghmel xi xoghol ghan-nies mid-dar. Minhabba dan kollu, inkluz it-trobbija tat-tfal, hija ma tantx kellha okkazzjonijiet tohrog mal-attur u kienet tistenna b'hegga kbira kull okkazzjoni li kien ikun hemm biex hi u zewgha johorgu meta ma kienx ikun xoghol. Il-konvenuta qalet li l-attur kien jghidilha li riedu jfaddlu minhabba d-dejn li kellhom fuq il-post u ghalhekk ma kienux johorgu ta' spiss flimkien. Minkejja dan, kompliet tghid il-konvenuta, l-attur dejjem kien isib xi okkazzjoni biex johrog mal-hbieb u jsiefer ta' kull sena maghhom.

Qalet li hi u uliedhom kienu jqattghu sieghat twal wahedhom id-dar l-ghaliex l-attur ma kienx johrog maghhom bhala familja. Qalet li wara hames snin zwieg "*A beda jarani b'mod differenti u beda iffittex kull okkazzjoni biex jargumenta mieghi u jaghmel il-hajja tieghi difficli*" (fol. 85).

Meta kibru t-tfal, u l-bzonnijiet taghhom zdiedu, l-partijiet xtraw vettura ghall-konvenuta sabiex hija tkun tista tiehu hsieb il-bzonnijiet taghhom. Zewgha, kompliet tghid il-konvenuta qatt ma ghamel xejn f'dan ir-rigward.

Ghar-rigward tal-hrug, hija qalet li dawn kienu rari hafna u sfurzati u kif kienu jaslu d-dar, l-attur kien jaqla hafna inkwiet u paroli biex jipprova jirrovina l-harga u beda jghid li huma ma kienux jaqblu flimkien u li ma riedx li jibqaw flimkien. Qalet li lanqas anniversarji jew gheluq sninha ma qatt iccelebra maghha. Sahqet li l-glied kien ikun ippjanat mill-attur bil-ghan li jkisser iz-zwieg.

Ghal xi ftit taz-zmien l-affarijiet trangaw meta ghamlu hbieb ma' Vince u Rita konjugi Bellizzi. Bdew johorgu maghhom u anke siefru flimkien.

Il-konvenuta qalet li tant hakima l-attur li lanqas rapporti lill-pulizija ma kienet taghmel meta kien ikeccieha 'l barra. Qalet li anke vjolenza intuzat fuqha mill-attur. F'dan ir-rigward hija esebiet certifikat mediku datat 23 ta' Lulju, 2007 (fol. 94).

Fl-2005, kompliet tghid il-konvenuta, kienet cemplitilha omm l-attur u staqsietha

x'kien gara u dan peress li l-attur kien qalilha li huwa ried jissepara minn maghha. F'din l-okkazzjoni, l-attur kien ghadu kif gie minn barra minn Malta u ma kienx mar id-dar. Wara xi jiem, huwa rritorna lura d-dar qisu xejn mhu xejn. Qalet li min dak-in-nhar 'il quddiem, l-attur zied fil-hrug tieghu wahdu kif zdiedu s-sigrieti, l-iskuzi u l-gideb tieghu. Qalet li minkejja dan kollu, hija xorta wahda baqghet tahsillu hwejgu "*anke meta sibtlu l-qmis bil-lipstick fuq il-qmis*" (fol. 86). Anke ghat-tigijiet jew okkazzjonijiet ohra kien imur wahdu u sahansitra lanqas kien jghidilha bihom.

Tant kienet waslet fi stat ta' dwejjaq li spiccat tikteb in-noti ghaliha biex tnizzel x'kien mar hazin u x'kien qieghed idejjaqha fir-relazzjoni taghhom. Spiccat baghtet din l-ittra lill-attur kif ghamlet ittri ohra u dan peress li dan kien l-uniku mezz ta' komunikazzjoni li kien ghad fadal bejn il-partijiet.

F'Dicembru, 2006 oht il-konvenuta kienet sejra btala l-Ingilterra flimkien ma' bintha u hi kienet staqsiet lill-konvenuta sabiex takkumpanjaha. Meta hija staqsiet lill-attur jekk setatx tmur, huwa holoq argument u tefaha barra mid-dar. Wara li l-attur kien mar ix-xoghol hija nizzlet lit-tfal fid-dar taghhom gewwa Birzebbuga u bdew joqghodu hemm. L-attur talabha sabiex terggha tirritorna lura l-Qrendi, fid-dar matrimonjali, izda ma accettatx.

Il-konvenuta qalet li gieli cemplet fuq il-post tax-xoghol ta' l-attur u ma kienitx issibu hemm. Fl-2007 hija accettat lill-attur fid-dar ta' Birzebbuga u baqghu jghixu hemm sa Jannar 2009 meta telaq min hemm u mar jghix il-Qrendi.

Ghar-rigward tat-tfal, hija qalet li dawn ghandhom jirrisjedu maghha.

Fuq il-manteniment hija qalet li zewgha l-attur jaqla madwar €3,000 fix-xahar. Hija qalet li hi u zewgha kienu qablu li hi tiehu hsieb it-tfal u ghalhekk kienet qatghet mid-dinja tax-xoghol. Meta xhedet kellha 42 sena u qalet li minhabba l-eta' taghha, kien difficli li hija tidhol lura tahdem fid-dinja tax-xoghol. Ghalhekk sahqet li l-attur ghandu jmantni lilha ukoll.

In kontro-ezami hija qalet li l-attur "*kien isawwatni, u jiena qatt m'ghidt lil Pulizija dwar dan, u jiena ma kellix idea li trid taghmel rapport lil Pulizija* " (fol. 447). Hija qalet li minkejja dan kollu, hija xorta wahda siefret ma' zewgha u hafritlu.

Meta giet mistoqsija kif kienet nefqet l-ammont ta' €10,000 li kien hemm fil-kontijiet taghha u dan fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2011, il-konvenuta qalet li l-ammont li kien qieghed jghaddilha l-attur bhala manteniment ma kienx bizzejjed u allura kellha tiehu minn dawn il-flus. Apparti hekk, hija kellha thallas ukoll l-ispejjez legali li kienu qeghdin isiru fil-kawza. Qalet li kellha tissellef minghand il-familjari taghha inkluz it-tfal.

Stqarret li qed tipprova ssib xoghol pero kull meta tapplika, kollha jghidulha li trid l-O'levels u l-A'levels.

Il-konvenuta stqarret ukoll li meta l-attur mar jghix maghha u mat-tfal fid-dar

gewwa Birzebbuga wara li kien keccieha mid-dar matrimonjali gewwa l-Qrendi, huwa kien intenzjonat li jbattal il-kontijiet bankarji taghhom. F'dan ir-rigward, fl-affidavit taghha mahluf fit-8 ta' Jannar, 2014, il-konvenuta tghid li "*matul din is-sena 2007 A zarma l-kontijiet*" (fol. 995).

Ghar-rigward tal-attur, il-konvenuta qalet ukoll li:

"*8. Kull meta A kien ikollu appuntament u ried johrog minghajr ma jghidli allura kien isib xi skuza biex jaqla glieda u johrog wahdu u ma jghidliex fejn sejjer u kemm ser idum barra. Infatti kemm-il darba dam sat-3 ta' filghodu jew sal 5 ta' filghodu. Il-motto ta' zewgi kien dan; <u>li jekk ir-ragel ikun miggieled minn mal-mara tieghu allura jista jmur u jkollu x'jaqsam ma' mara ohra</u>. Ovvjament jien ma ghogobniex dan ir-ragunar tieghu u ghidtlu li ma naqbilx ma' din il-haga.*

*Jien rajt f'din l-iskema ta' zewgi li din tal-glieda kienet skuza tajba kull meta zewgi, A ried johrog u jitradini u jdum barra u ma jghidlhiex fejn kien sejjer, kull haga banali kienet tajba biex ikollu skuza u jaghmel li jrid ghax ikun miggieled minn mal-mara*"[4]

Qalet li hija ma kienitx tmeri lil zewgha ghax inkellha kien jitfaghha 'l barra mid-dar kif ghamel diversi drabi. Qalet li l-attur ghaddieha minn "*tortura psikologika u jien l-anqas biss kont nitkellem, ghax kif niftah halqi kien jitfani l-barra, ahseb w'ara kemm nibda l-glied, lanqas kien jghaddili minn mohhi li nmerih*" (fol. 996). Il-konvenuta qalet li "*zewgi ghamel minn kollox biex izommni up to date billi kull meta nidhol fil-karozza mieghu dejjem ifakkarni biex ma nahbatx il-qrun li ghandi fuq rasi. Dawn huma torturi psikologici li zewgi ghaddieni minnhom matul iz-zwieg*" (fol. 997).

Ghar-rigward ta' l-infedelta' ta' zewgha, l-konvenuta tghid li hija sabet il-*lipstick* ma' qmis li kellu zewgha kif ukoll xi *underwear* "*ta' zewgi bi provi komprometenti li juru li kellu att sesswali barra z-zwieg*" (fol. 997). Qalet ukoll li "*zewgi ghamilha cara l-kambjament tieghu u li sar ihobb lil haddiehor bil-komportament tieghu*" (fol. 997). Fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2015 il-konvenuta semmiet ukoll li hija kienet rat grief u *love-bites* fuq il-persuna ta' l-attur.

Il-konvenuta sahqet li t-tort ghat-tifrik taz-zwieg kien biss ta' l-attur u dan anke l-ghaliex hekk kif fetah il-kawza, huwa kien ipprezenta talba ghall-annullament taz-zwieg religjuz, liema talba pero' giet rifjutata.

Sahqet li l-ugiegh li ghaddieha l-attur minnu minghajr ebda raguni valida ma huwiex att ta' mhabba izda att ta' egoizmu eccessiv.

Fil-kontro-ezami mizmum quddiem il-Perit Legali nhar il-25 ta' Novembru, 2011, il-konvenuta qalet li fl-2010 hija kienet gibdet is-somma ta' Lm1,000 mill-kont fiss li kien hemm fil-Bank of Valletta p.l.c. Dawn gibdithom, kompliet tghid il-konvenuta, "*ghax ma kellix flus ghat-tfal u ma kontx qed nircievi manteniment*". Il-konvenuta qablet ukoll li hija kienet gibdet l-ammont ta' €2,000 minn kont fuq

[4] Fol. 996

isem l-attur sabiex hija tkun tista tghin lit-tifla u gibdet ukoll ammont iehor ta' €2,000 minn kont li kien fuq isem it-tifel. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2015, il-konvenuta qalet li dawn il-flejjes hija gibdithom bil-prokura li kellha ta' zewgha, liema flus kienu diga jezistu f'kont iehor fuq isimhom it-tnejn intestat Account E. Hija qalet li zewgha gibed l-ammont ta' €7,000, liema ammont hija ma hadet xejn minnhom. Ghar-rigward tal-flejjes li kien hemm fuq kontijiet f'isimha, hija qalet li dawn il-flejjes kienet gibdithom l-ghaliex kienu taghha. Parti minnhom, ziedet tghid il-konvenuta kienu gejjin mill-wirt ta' missierha. Mistoqsija kemm kienu dawn il-flejjes gejjin mill-wirt ta' missierha, hija qalet li ma tafx bl-amment. Ziedet tghid li ommha kienet taghtha ukoll sehemha l-ghaliex ma kellhiex flejjes biex tghix.

Il-konvenuta qalet ukoll li f'Marzu, 2009 id-digriet li bih l-attur kien gie ordnat ihallas manteniment ghaliha u ghat-tfal ma kienx ghadu hareg u ghalhekk hija kienet gibdet xi flejjes mill-bank sabiex tkun tista tghix hi u t-tfal l-ghaliex hi ma kienitx tahdem.

Meta l-konvenuta giet mistoqsija fejn kienet tinstab id-dghajsa tal-partijiet, hija ghal ewwel qalet li ma kienitx taf imbaghad qalet li kienet ghaddietha lir-ragel ta' ohtha u wara qalet li kienet ghaddietha lill-ohtha.

**Aaron Gravina**, hu l-konvenuta qal li huwa kellhu jmur diversi drabi ghall-konvenuta l-Qrendi l-ghaliex l-attur ikun keccieha. Huwa qal ukoll li l-ahhar darba li kien mar ghaliha l-Qrendi u hadha Birzebbuga, huwa kien ralha tbengila f'idejha. Il-konvenuta kienet qaltlu sabiex ma jghid lil hadd mill-familjari taghha dwar din it-tbengila.

L-attur ressaq ukoll diversi affidavits ta' nies li ilkoll xehdu dwar il-karattru tieghu, kemm kien bniedem affidabli u lest li jghin lil kulhadd u kemm kien ragel tal-familja. Dawn l-affidavits jinsabu esebiti a fol. 126 sa 145 tal-process.

L-istess haga ghamlet il-konvenuta fejn sahansitra resqet affidavit ta' binthom li talbet li terga tmur tghix ma' ommha, liema fatt ghadu ma sehhx l-ghaliex ommha l-konvenuta ma kellhiex bizzejjed flus u hija kellha l-bzonnijiet taghha, liema bzonnijiet ma kienux jigu koperti minn missierha jekk kienet titlaq biex tmur tghix maghha. Fl-4 ta' Jannar, 2014, bint il-kontendenti resqet affidavit ulterjuri fejn iddikjarat li hija qeghda tirrisjedi mal-konvenuta (fol. 1017). Fl-affidavits l-ohra, x-xhieda jsemmu episodju li sehh waqt li l-kontendenti kienu t-Trade Fair grounds u kemm l-attur umilja lill-familtu f'dik l-okkazzjoni li sehhet fl-2008.

L-attur irrapporta lill-martu l-konvenuta diversi drabi l-Ghassa tal-Pulizija. F'okkazzjonijiet minnhom ghax martu tkun ghalqitu barra mid-dar matrimonjali u f'okkazzjoni ohra ghax martu hadet xi affarijiet mid-dar matrimonjali minghajr ma kien jaf.

Kull wiehed u wahda mill-partijiet ipproponew pjan ta' qasma tal-gid taghhom.

Oht il-konvenuta, **Victoria Abela** xehdet li hi selfet l-ammont ta' madwar €1,000 lill-istess konvenuta. €800 minnhom intuzaw sabiex jinfeda ic-cens tad-dar ta'

Birzebbuga filwaqt li l-bilanc intuzaw ghall-bzonnijiet tal-konvenuta fosthom bzonnijiet medici. Qalet li kienet tkun prezenti meta kienet tmur ghand il-Professur u kienet thallsilha hi. Dwar id-daghjsa tal-partijiet, hija qalet li d-dghajsa llum il-gurnata tinsab ghand hu r-ragel taghha u cioe ghand Lino Abela gewwa Santa Lucija.

**Il-Brigadier Carmel Vassallo**, *chief executive officer* tal-Malta Air Traffic Services Limited esebixxa dokumentazzjoni li turi li mill-1 ta' Jannar, 2011 sal-31 ta' Dicembru, 2011 l-attur ippercepixxa l-ammont *gross* ta' €37,376 li wara li jinqatghu t-taxxa u l-kontribuzzjoni obbligatorja jigu €27,129 u allura kien qieghed jippercepixxi l-ammont nett ta' €2,260.75c fix-xahar. Ix-xhud esebixxa ukoll diversi formoli bl-*allowance* tas-safar (subsistence allowance). Qal li dan l-ammont huwa wiehed fiss u imbaghad sta ghal persuna sabiex tara kif tonfoq l-ammont moghti. Qal li jekk l-individwu jsiefer u ma jonfoqx l-*allowance* kollha li taghtih il-kumpanija minnu rapprezentata waqt li jkun imsiefer, hija ma titolbu xejn lura. A Azzopardi, *Chief Financial Officer* tal-Malta Air Traffic Services Limited qal li s-subsistence allowance la tidher fuq l-*income tax* u lanqas ma tidher fuq il-paga ghax mhux parti mill-paga.

Omm l-attur **Pauline B**, qalet li kull meta hi kien ikollha bzonn xi pjacir ghar-rigward ta' xi hjata, il-konvenuta kienet taqdiha. Kienet taghmlilha affarijiet ohra. Qalet li l-konvenuta kienet mara tad-dar u li meta l-kontendenti kienu jmorru ghandha flimkien mat-tfal, t-tfal kienu jkunu mlibsen sew u li kienu jidhru kkurati. Id-dar matrimonjali kienet tinzamm nadifa u kienet tiehu hsieb sew lill-attur. Fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2012 hija qalet li "*jien ma kellhix ilmenti mill-komportament taghha bhala omm u bhala mara tad-dar*".

**Raymond Abdilla**, qal li l-attur kien jahdem mieghu part-time u li kien jghinu jqassam il-merkanzija fil-hwienet. Ghal dan ix-xoghol li kien jaghmel l-attur, huwa ma kienx ihallsu bi flus, izda imbaghad kien jisilfu l-ingenji tieghu meta l-attur kien gie biex iqatta l-blat u jibni d-dar tal-kontendenti gewwa Birzebbuga. Qal li l-attur kien jindikalu l-hinijiet li kien jaghmel xoghol mieghu u li dan kien jaghmlu sabiex jara x'kien qieghed jaghmel ghalih. Qal li ghalkemm hu jhossu obbligat lejn l-attur ghax-xoghol li kien jaghmillu, huwa ma ghandu jaghtih xejn l-ghaliex huwa ukoll kien ta affarijiet u hin lill-attur u jaf li "*fil-prezenti, jien qieghed minn fuq fir-rigward ta' hin u affarijiet li tajt lir-rikorrenti. Biex nigu paci, A baqghalu hafna x'jaghtini*".

**Georgette B**, oht l-attur qalet, fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2013, li "*missieri kien ta xi flus lili u lil huti, u allura nkluz lir-rikorrenti. Dawn kienu jammontaw ghal tlett elef liri Maltin (Lm3,000)*". Mistoqsija jekk dawn il-flus kienux gew restitwiti lill-genituri taghhom, hija qalet li ma tafx, pero ma tahsibx l-ghaliex missierhom kien tajhomlhom bhala parti mill-wirt taz-ziju.

**Vincent Bellizzi**, qal li meta beda l-inkwiet bejn il-kontendenti, l-konvenuta kienet cemplitlu madwar seba' darbiet u staqsietu jekk zewgha kellux xi wahda minn fuq ix-xoghol. Qal li huwa kien qal lill-konvenuta li safejn kien jaf hu dan ma kienx minnu. Semma ukoll li meta kienu marru fl-agriturizmu f'Bardolino, kien hemm incident fejn il-konvenuta kienet ghamlet xenata u dan peress li hu u l-

attur kienu damu biex ghamlu c-*check-in*. Qal li l-konvenuta kienet qaltilhom "*ser iddumu titqahbu*".

**Ir-Rapport Peritali.**

Fir-rapport tieghu l-abbli Perit Legali Dr Vincent Galea wasal ghall-konkluzzjonijiet u ghamel ir-rakkomandazzjonijiet segwenti:-

1. Ikkonkluda li z-zewg partijiet kienu responsabbli, b'mod ugwali ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, u li ma kien hemm lok ghall-ebda provvediment dwar il-kura u kustodja tat-tfal billi dawn saru maggiorenni.

2. Dwar manteniment il-Perit Legali kkonkluda li bin il-partijiet D hu illum maggiorenni, ghalhekk ma hemmx l-obbligu tal-manteniment mill-genituri, mentri dwar binthom E, hu ghamel referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta'Marzu 2014 fejn l-attur gie ordnat ihallas manteniment ghat-tifla l-ammont ta'€200 fix-xahar, u rrakkomanda li l-attur ghandu jopprovdi ghall-htigijiet kollha edukattivi u medici tat-tifla u jhallas manteniment fl-ammont ta' €300 kull erba' gimghat, li jizdied kull sena skont l-Indici tal-Inflazzjoni sakemm it-tifla tibqa' tistudja 'full time' jew taghlaq 23 sena. Peress li E twieldet fil-5 ta' Ottubru 1994 hi ghalqet it-23 sena fil-5 ta' Ottubru 2017.

3. Ikkonkluda li l-attur ma ghandu jinghata l-ebda manteniment mill-konvenuta, u billi ikkonkluda li it-tnejn jahtu ghat-tifrik taz-zwieg, japplika l-Artikolu 52 tal-Kodici Civili b'mod li l-partijiet jitilfu l-jeddijiet moghtija lihom bhala mizzewgin mill-ligi, dan apparti il-fatt li l-konvenuta ma ghamlet l-ebda kontrotalba ghall-manteniment fil-kawza odjerna, ghalkemm irid jinghad illi intavolat kawza numru 67/17 fl-ismijiet inversi li instemghat kontestwalment ma' din il-kawza u qed tigi deciza wkoll kontestwalment.

4. Dwar id-divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, partikolarment l-propjeta' immobiljari tal-partijiet, il-Perit Legali, ghamel referenza ghal-istimi li ppresentaw il-partijiet u kkonkluda bhala valuri li d-dar fil-Qrendi ghandha valur ta' €247,500 mentri dik ta' Birzebbuga ghandha valur ta'€135,000. Il-konvenuta talbet li tigi assenjata d-dar ta' Birzebbuga fejn ilha tghix snin shah, u b'hekk tkun intitolata tircevi nofs d-differenza fil-valuri taz-zewg propjetajiet cioe'€56,250. Il-Perit Legali deherlu li dan hu ammont qawwi wisq biex jaqbel mieghu, u billi l-attur offra li jiehu d-dar ta' Birzebbuga minghajr ma jircevi ekwiparazzjoni hu kkonkluda li jaqbel mal-proposta tal-attur, anke ghalhiex il-konvenuta jekk ma tridx tghix fid-dar tal-Qrendi dejjem tista' tbieghha, tixtri band'ohra u zzomm id-differenza jekk ikun hemm.

5. Dwar kontijiet bankarji il-Perit Legali kkonkluda li kull parti ghandha tibqa' zzomm il-kontijiet li huma f'isimha, mentri l-kontijiet bankarji taghhom flimkien 'Joint' ghandom jinghalqu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Ippropona wkoll li kull parti ghandha zzomm il-vettura licenzjata fuqha minghajr ekwiparazzjoni, l-attur ghandu jinghata d-dghajsa li fil-present tinsab fil-pussess ta' familjari tal-konvenuta, kif ukoll il-mutur taghha.

6. Il-Polza tal-Assikurazzjoni mal-MiddlleSea Valletta Life Insuranca Co. Ltd. bin-numru 22171 ghandha tinghalaq u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

7. Il-kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma ghad-dar ta' Birzebbuga ghandhom jithallsu mill-attur.

8. Dwar flejjes parafernali tal-partijiet, l-ebda ammont ma hu dovut billi l-ammonti tal-partijiet individwalment kienu fl-istess ammont ghalhekk jpacu lil xulxin.

9. Id-djun tal-komunjoni mal-familjari tal-partijiet ghandhom jithallsu mill-parti li hi hekk relatata.

10. Il-mobbli li jinsabu fid-djar li fihom jghixu l-partijiet ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

11. Dwar l-ispejjes, in vista tal-konkluzjonijiet tieghu, l-Perit Legali rrakkomanda li dawn ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**KONSIDERAZZJONIJET.**

Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2009,[5] l-konvenuta dehret personalment debitament assistita, u ddikjarat li kienet qed tirtira l-ewwel eccezzjoni taghha li kienet prettament ta' natura procedurali. Ghaldaqstant, gialadarba dik l-eccezzjoni giet irtirata l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**L-Akkuzi tal-Attur fil-konfront tal-Konvenuta.**

Fit-tielet premessa fir-rikors guramentat tieghu l-attur jakkuza lill-konvenuta li kienet il-kagun tat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet "minhabba li l-intimata rrendiet ruhha hatja lejn zewgha l-esponenti ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi". Jallega wkoll li z-zwieg tkisser "minhabba inkompatibilita' ta' karattru."

Skont l-attur il-konvenuta farket dan iz-zwieg 'ghal xejn b'xejn', kienet ripetutament tingurjah anke fil-presenza tat-tfal, li f'dak iz-zmien kienu ghadhom minorenni, u kienet iffissata li kellu relazzjonijiet adulteri ma' nisa ohra. Kienet dejjem tissuspetta hazin fih, suspetti skont l-attur totalment infondati.

L-attur jahdem bhala Air Traffic Controller, kien jaghmel xoghol part time ta' salesman ma' Raymond Abdilla f'hardware stores u billi kien jilghab il-football kien involut fl-attivitajiet tal-club Zurrieq Wolves.

Hu kien jattendi ghall-ikliet u ricevimenti kemm ma' kollegi tieghu fuq ix-xoghol kif ukoll ma' hbieb tal-club tal-football, u dawn kienu l-kawza ta' hafna litigji

[5] Fol 23.

bejniethom billi martu invarjabbilment kienet takkuzzah li ma kienx fidili lejha u li kellu wicc haddiehor.

Bejn is-sena 2003 u s-sena 2006 il-hajja konjugali taghhom kienet karatterizzata minn dawn l-litgiji kontinwi bejniethom, li kienu jeskalaw ghall-akkuzi da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur illi huwa kellu wicc mara ohra u li kien adulteru, liema akkuzi hafna drabi saru mill-konvenuta fil-presenza tat-tfal. L-attur jghid li gieli ghamlu gimgha jew aktar ma jitkellmux billi jekk ma jitkellmux ma jiggieldux.

Il-konvenuta ma tichadx li kienet u ghadha taghmel dawn l-akkuzi fil-konfront tal-attur. Fir-risposta guramentata taghha prezentata fil-kawza odjenra fis-26 ta' Frar 2009 [tieni eccezzjoni] teccepixxi illi taqbel li tigi dikjarata s-separazzjoni personali minn ma' zewgha "izda mhux ghar-ragunijiet attribwibbli lilha. Illi l-htija tas-separazzjoni personali hija attribwibbli unikament lir-rikorrenti li rrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti martu ta' <u>adulterju</u>, swat, minacci, eccessi, ingurji gravi u sevizzi."[6] Anke sa recenti, u cioe' fir-rikors guramentat taghha tal-21 ta' Marzu 2017 fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 67/17RGM, [tieni premessa] tallega illi "...l-hajja konjugali bejn il-konjugi B m'ghadiex aktar possibbli stante <u>adulterju</u>, swat, minacci, eccessi, ingurji gravi u sevizzi min-naha tal-intimat....."

Fix-xhieda taghha kif ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha sostniet li l-attur ma kienx fidil lejha u tispjega illi prova ta' dan kien lipstick li sabet fuq hwejgu, grif fuq dahru u tracci ta' attivita' sesswali fuq l-indumenti tieghu. Dan huwa michud mill-attur. Il-konvenuta ssostni illi hija ma kinitx titkellem dwar dan ma' hadd aktar hlief mal-attur ghaliex kienet tisthi. Lanqas ma' ohtha li kienet tafda hafna fiha ma kienet tghidilha xejn.

In tema legali ghandu jinghad illi l-akkuza ta' konjugi kontra l-konjugi l-iehor jew l-ohra ta' adulterju hija akkuza gravissima b'konsegwenzi dizastruzi fil-hajja matrimonjali, sew jekk l-akkuza hija fondata sew jekk le. Dan ghaliex jekk l-akkuza tirrizulta li hija vera isegwi li min ikkommetta l-adulterju jigi tassattament impost fuqu il-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 ta-Kap. 16 oltre li l-fiducja reciproka konjugali tigi hafna drabi imkissra darba ghal dejjem; filwaqt li jekk l-akkuza ma tirrizultax, xorta wahda hafna drabi l-hajja matrimonjali tigi mkissra irrimedjabbilment filwaqt li min ikun ghamel tali akkuza mhux sodisfacentement ippruvata jinstab responsabbli ta' ingurja gravi bil-konsegwenzi legali li ser jigu trattati aktar 'l isfel.

Il-Perit Legali kkonkluda li kien hemm biss allegazzjonijiet da parti tal-konvenuta li ma gewx ippruvati u li minn jallega l-adulterju li ma jirrizultax ipprovat jkun ikkommetta ingurja gravi fil-konfront tal-konjugi.

Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 ntqal:

[6] Fol. 18

“Huwa assodat fil-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta mbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta’ indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni”.

Il-konvenuta tinsisti li dak li hi stess rat b’ghajnejha, cioe’ l-lipstick fuq il-qmis ta’ zewgha, l-indumenti intimi tieghu, l-love-bites u l-griff fuq il-persuna tieghu ma humiex semplicement fissazzjoni da parti taghha. Stante il-gravita’ tal-allegazzjoni tal-adulterju u l-konsegwenzi li ggib maghha kemm il-darba tigi ppruvata, l-Qrati taghna f’diversi decizjonijiet ikkummentaw dwar il-grad ta’ prova rikjest.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Rosina Micallef vs Angelo Micallef”** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju 1964 ntqal:

“L-adulterju jista’ jigi ppruvat permezz ta’ indagni u presunzjonijiet, purche’ dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b’mod li ma jhallu ebda dubju f’min ghandu jiggudika”.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Josephine Edwards vs Avukat Dottor Joseph Xuereb noe**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Frar 1961 ntqal:

“Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta’ testimonjanza ‘de visu’ jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta’ cirkostanzi precizi, gravu u univoci, illi jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt”.

Sa recenti, f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet "**Anna Agius vs Raymond Agius**"[7] fejn similment il-konvenut akkuza lill-attrici b'adulterju, il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tghid fir-rigward:-

"Finalment dwar l-allegazzjoni tal-appellant li l-appellata kkomettiet adulterju din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi ma giet riskontrata ebda prova skont ir-regoli tal-procedura taghna li jwasslu ghall-konkluzjoni li din l-allegazzjoni kienet ipprovata – ghax konformament mal-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura – *“Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*” u kif gie ripetut diversi drabi f’diversi sentenzi (ara per ezempju **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim’Awla 31 ta’ Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta’ Mejju 1995). Kull ma hemm fl-atti huma allegazzjonijiet tal-appellant li qatt ma gew korroborati."

Fil-kaz in ezami, ma jistax jinghad li saret din il-prova, li ‘twassal lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt’ billi hemm biss l-versjoni tal-konvenuta minghajr ebda korroborrazjoni. Huwa minnu kif tissottometti l-konvenuta illi l-adulterju in flagrante difficli jigi ppruvat specjalment meta jsir bil-hsieb li jibqa' mistur. Xhieda okulari ta' l-att adulteruz huma rari. Pero', ghall-prova tal-adulterju ma hux mehtieg ix-xhieda okulari tal-att adulteruz. Provi u indizji precizi bhal prova li l-konjugi kien fil-kumpanioja ta' mara ohra f'cirkostanzi illi jeskludu

[7] Rik. Gur. 31/14RGM

intenzjonijiet piji jew l-iskoperta ta' messaggi elettronici amoruzi li jindikaw precizament relazzjoni adultera huma hafna drabi meqjusa bhala korroborazzjoni ammissibbli fir-rigward ta' allegazzjoni ta' adulterju.

Fil-kawza odjerna kulma nsibu huma l-allegazzjoni tal-konvenuta illi kienet sabet l-oggetti u l-marki fuq imsemmija. L-allegazzjonijiet tal-konvenuta gew michuda mill-attur. L-allegazzjonijiet tal-konvenuta minghajr il-korroborazzjoni mehtiega jibqghu biss allegazzjonijiet mhux sodisfacentement ippruvati li ma jilhqux dak il-livell ta' prova rikjesta mil-ligi tal-procedura li tnissel fil-gudikant dak il-konvinciment li dak allegat fil-fatt sehh.

Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi illi l-allegazzjonijiet ta' adulterju mhux ippruvati da parti tal-konvenuta jammontaw ghal ingurji gravi fil-konfront tal-attur. Hija rilevanti ix-xhieda ta' Vincent Bellizzi (habib tal-attur) illi xhed li fiz-zmien li kien sar jaf bl-inkwiet matrimonjali ta' bejn il-partijiet, il-konvenuta kienet cemplitlu madwar seba' (7) darbiet tistaqsih jekk l-attur kellux xi mara ohra minn fuq ix-xoghol. Xhed ukoll illi meta darba siefru flimkien bhala zewg koppji, il-konvenuta holqot incident u ghamlet xenata fl-ajruport ghaliex dehrilha li l-attur u x-xhud kienu qed idumu zzejjed jitkellmu mal-ground hostess li kienet qed taghmililhom ic-check in. Xehed illi l-konvenuta qaltilhom: "ser iddumu titqahbu?".

Gie ghalhekk ippruvat mill-attur illi l-konvenuta mhux biss kienet quddiem it-tfal takkuzah illi huwa adulteru, izda kienet turi wkoll li kellha suspetti serji fih ma' terzi pesuni. L-incident fl-ajruport huwa sintomatiku tas-suspetti kontinwi tal-konvenuta fl-attur.

Ghalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-konvenuta hija responsabbli ghall-eccessi u ingurji gravi fil-konfront tal-attur li irrendew il-hajja matrimonjali insopportabbli u ikkontribwew sabiex iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

**L-Akkuzi tal-Konvenuta fil-konfront tal-Attur.**

Kif rajna, il-konvenuta kienet u ghadha takkuza lill-attur li kiser il-vinkolu taz-zwieg u kkommetta atti adulteri. Kif deciz supra, dan ma giex sodisfacentement ippruvat.

Izda l-Qorti tirriskontra agir daqstant iehor kundannabbli da parti tal-attur fil-konfront tal-konvenuta fejn f'zewg jew tlett okkazzjonijiet huwa kecca lill-konvenuta mid-dar matrimonjali ghaliex sostna li ma felahx aktar ghall-akkuzi kontinwi taghha dwar infedelta'.

Kellhom incident iehor f'Dicembru 2006 minhabba l-involviment tal-konvenuta mal-Jehovah Witnesses, li eskala f'Jannar 2007, meta ghall-allegat gideb fuqu mill-konvenuta, l-attur iddikjara 'spiccajt keccejtha u sfurzajtha l-barra mid-dar'. L-konvenuta marret fid-dar taghhom f'Birzebbuga bit-tfal u l-attur baqa' fid-dar tal-Qrendi. Wara tlett gimghat, l-attur mar f'Birzebbuga u ghamlu sentejn jghixu hemm skont l-attur kienu sentejn ta' sofferenzi kbar principalment minhabba l-involviment taghha fil-Jehovah Witnesses u l-akkuzi infondati u ripetuti fil-

konfront tieghu li kellu lil haddiehor. Waqt dawn is-sentejn kien hemm okkazzjonijiet meta hi kecciet lilu 'l barra u hu kien jmur jaghmel xi granet fid-dar tal-Qrendi. L-attur jghid li l-komunikazzjoni bejniethom kienet prattikament inezistenti, beda jibza' jkellimha ghax kollox tinterpreta hazin, kien wasal ghall-konkluzjoni li 'inqas kliem inqas glied'. Hu jghid li 'konna qisna kelb u qattus, ma naqblu fuq xejn, dak li jien narah abjad hi bdiet tarah iswed u viceversa. Iktar kemm ma nitkellmux anqas hemm cans niggieldu'. Bit-tilwim u glied kontinwu l-konvivenza saret impossibbli u l-attur fit-22 ta' Jannar 2009 mar jghix wahdu fid-dar tal-Qrendi.

L-konvenuta tilmenta mill-fatt li l-attur kien izjed johrog mal-hbieb u kollegi tax-xoghol milli mal-familja. Hu kien jaqla' xi glieda meta kien ikun jrid johrog wahdu mal-hbieb. F'Lulju 2007 refa' idejh fuqha u pprezentat certifikat mediku,[8] b'konferma li kellha tbengila fuq id-driegh tax-xellug. L-konvenuta tghid li soffriet tortura psikologika minn zewgha ghax malli tiftah halqha kien jitfaghha 'l barra.

Dan l-agir unilaterali tal-attur jammonta ghall-vjolenza fizika u psikologika fil-konfront tal-konvenuta. Il-konvenuta spjegat fix-xhieda taghha kemm dan l-agir kien trawmatiku ghaliha specjalment peress li t-tkeccija taghha mid-dar sar fil-pubbliku u kien hemm persuni li jafuwha li rawha tigi mkeccija bil-forza mill-attur. L-attur ma kellu qatt id-dritt li jiehu l-ligi b'idejh izda kellu jfittex rimedji legali.

Irid hawn jinghad illi ghalkemm huwa minnu li l-akkuzi kontinwi tal-konvenuta fil-konfront tal-attur jistghu jitqiesu bhala ossessivi, fl-istess hin ma jistax jigi injorat il-fatt li l-attur, apparti s-sieghat twal tax-xoghol tieghu kien jaghmel hinijiet twal barra d-dar jew fil-part-time li kellu mas-Sur Abdilla jew inkella fl-attivitajiet tal-klabb tal-futbol 'il boghod mill-familja. Il-konvenuta, bir-ragun, takkuzah illi dawn l-attivitajiet kienu qed izommuh boghod mill-familja. Dan l-agir tal-attur huwa aggravt mill-fatt illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien johrog wahdu mal-hbieb meta kien jaf perfettament li l-konvenuta kienet kuntrarja ghall-ahhar ghal dan il-mod ta' hajja.

Il-Qorti tirriskontra nuqqas ukoll fl-attur bil-mod kif irreagixxa meta sar jaf li l-konvenuta inghaqdet mal-*Jehovah Witnesses*. Filwaqt li ir-reazzjoni harxa tieghu kontra l-konvenuta hija gustifikabbli fir-rigward tal-fatt li l-konvenuta hadet maghha ghal-laqghat lill-bint minuri tal-partijiet minghajr ma informatu minn qabel jew minghajr ma kien hemm ftehim, fl-istess hin ma kienx gusitifikat l-agir vjolenti tieghu fir-rigward tal-ghazla li l-konvenuta ghamlet fir-rigward.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 ntqal:

"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjament illi jistghu irendu il-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".

---

[8] Fol 94.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Marthese Vella vs George Vella"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Frar 2003 ntqal:

"Ghal dak li jirrigwarda theddied u vjolenzi, il-Ligi tikkuntenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2015 ntqal:

"mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu il-konjugi l-iehor jwassal ghal sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli".

Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti qed tikkonkludi u tiddeciedi li l-attur ukoll ikkontribwixxa ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet b'ghemil vjolenti, fizikament u psikologikament, kif ukoll b'ghagir li jammonta ghal ingurji gravi.

**Artikolu 48 tal-Kap. 16**.

Fir-raba talba tieghu l-attur qed jitlob li jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta is-sanzjonijiet kontemplati fl-artkoli 48 sa 53 tal-Kap. 16.

Fil-konfront tal-konvenuta la gie allegat mill-attur u wisq anqas gie ppruvat li kkommettiet adulterju jew abbandun fit-termini tal-ligi. Ghalhekk is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 ma humiex tassattivi izda mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti fid-dawl tar-rizultanzi processwali.

L-Artikolu 48 tal-Kap 16 jelenka l-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara jaghti lok ghall-firda, fosthom s-subincis (d) 'il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kaz, li taghtiha manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg'. Skont dan l-artikolu dawn is-sanzjonijiet japplikaw ghal dik il-parti li tkun hatja ghall-firda ghal wahda mir-ragunijiet msemmijin fl-artikoli 38, cioe' l-adulterju, u l-artikolu 41 cioe, l-abbandun.

Skont l-artikolu 51 hi fid-diskrezzjoni tal-Qorti ghandhomx japplikaw dawn s-sanzjonijiet meta il-firda issir ghal wahda mir-ragunijiet msemmija fl-artikolu 40.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Carmela Falzon vs Paolo Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' April 1959 ntqal:

"B'Ligi, l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi, tal-konjugi mid-drittijiet taghhom kontra xulxin bhala effett tal-pronunzja ta' separazzjoni bejniethom, "in toto" jew in parti, hi fakoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta' eccessi, sevizji, minacci u ingurji gravi, u allura jiddependi mid-diskrezzjoni taghha jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-kaz partikolari".

**Artikolu 40 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:.........."*

**Artikolu 51 tal-Kap 16** jipprovdi illi:

*"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."*

Tenut kont illi l-ingurji gravi kommessi mill-konvenuta fil-konfront tal-attur kienu sa certu punt parzjalment rizultat tal-agir tal-attur fil-konfront tal-konvenuta, u tenut kont ukoll li l-attur qed jinstab responsabbli ta' agir vjolenti, fizikament u psikologikament, ghad-dannu tal-konvenuta, il-Qorti qed tuza d-diskrezzjoni taghha u tilqa' biss in parte it-talba tal-attur sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenuta is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16.

Mehud in konsiderazzjoni il-provi kollha migjuba il-Qorti hi tal-fehma illi ghandha tapplika fil-konfront tal-konvenuta parti mis-sanzjonijiet kontemplati fis-sub inciz artkolu 48 (1) (c) tal-Kap 16 biss b'dan illi m'ghandhomx jintlaqtu minn din is-sanzjoni il-polza tal-assikurazzjoni imsemmija aktar 'l isfel u l-premia relattiva mhallsa mill-attur mis-sena 2009 'il quddiem . Ghal dan il-fini qed tistabbilixxi d-data tal-1 ta' Jannar 2009 bhala d-data li ghandha tigi kkunsidrata bhala d-data li minnha l-konvenuta hija hatja tal-firda.

**Trobbija tal-Ulied**.

Ghalkemm il-partijiet jakkuzaw lil xulxin b'nuqqasijiet gravi fejn tidhol it-trobbija tal-ulied, il-Qorti ghandha fehma ohra fir-rigward. Jirrizulta illi z-zewg ulied tal-partijiet ircevew trobbija tajba miz-zewg genituri li ghenithom ikomplu l-istudji taghhom sew Malta kif ukoll barra minn Malta. Huwa minnu illi l-incidenti ta' bejn il-partijiet indubbjament kienu trawmatici ghall-ulied li assistew ghalihom, izda jidher illi il-fatt li z-zewg genituri ma baqghux jirrisjedu taht l-istess saqaf kellu l-effett pozittiv li l-ulied ma rawx aktar liz-zewg genituri taghhom jitlewmu, komplew b'success l-istudji taghhom, u ghandhom relazzjoni pozittiva maz-zewg genituri.

Fil-fehma tal-Qorti, dan ir-rizultat huwa mertu taz-zewg genituri u mhux biss ta' xi naha jew ohra.

**Manteniment**.

L-attur, fin-nota guramentata tieghu tas-27 ta' Frar 2009,[9] iddikjara li 'il-manteniment tal-mara hu l-punt principali ta' kontestazzjoni f'din il-kawza'. Hu jghid li l-konvenuta hi kapaci u anke ikkwalifikata biex tahdem izda ma tridx sabiex titlob il-manteniment minghandu.

Mill-banda l-ohra l-konvenuta ssostni li l-attur ghandu jibqa' jghaddilha manteniment adegwat ghaliex ma hiex kapaci tahdem.

L-attur mhux qed jallega l-adulterju tal-konvenuta, wisq anqas l-abbandun. Fl-affidavit tieghu l-attur jghid[10] li spjega lit-tfal li minhabba l-glied u t-tilwim kontinwu ma kienx possibbli li jibqa' jghix mal-konvenuta u kkonkluda l-affidavit tieghu billi ddikjara "Fit-22 ta' Jannar 2009 avzajt lil Sandra li jien sejjer nghix il-Qrendi u hekk ghamilt". Il-kawza giet ipprezentata fis-6 ta' Frar 2009.

L-attur, fit-tielet talba tieghu, qed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallas manteniment ghall-uliedhom u ghall-istess attur 'jekk ikun il-kaz'.

Kif irrizulta min dak li gia' ntqal 'supra' iz-zewgt itfal li dak iz-zmien kienu minorenni illum saru maggiorenni. Il-missier qed jitlob minghand l-omm il-hlas ossia rifuzzjoni ta' manteniment li hallas lill-konvenuta ghall-minuri ghaz-zmien li ma kienux qeghdin jirrisjedu maghha. Fir-rigward ta' bint il-partijiet E, l-attur qed jitlob minghand il-konvenuta s-somma ta' elf, mitejn u hamsin ewro (€1,250) rapprezentanti manteniment ta' hames xhur li l-attur jallega li hallas zejjed lill-konvenuta ghall-bzonnijiet ta' E u dan ghal perijodu mill-5 ta' Mejju 2011 (id-data li fiha E telqet minghand ommha u marret tirrisjedi ma' missierha) sas-17 ta' Novembru 2011 (id-data li fiha inghata d-digriet li permezz tieghu l-attur gie awtorizzat jieqaf ihallas lill-konvenuta manteniment ghal E).

Fir-rigward ta' iben il-parijiet D, l-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata tirrifondilu s-somma ta' elf, mitejn u hamsin ewro (€1,250) rapprezentanti manteniment ta' hames xhur imhallas zejjed mill-attur lill-konvenuta ghall-bzonnijiet ta' D u dan ghal perijodu minn Gunju 2010 sa Novembru 2010 u cioe' sa meta D ghalaq l-eta' maggorenni. F'dan il-perijodu D kien qed jirrisjedi ma' missieru. Dawn iz-zewg pretensjonijiet huma gustifikati u ghalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma globali ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500).

Dwar il-manteniment li l-attur fir-rikors guramentat qed jitlob ghalih minghand il-konvenuta "jekk ikun il-kaz", ma jirrizultax li l-attur fil-prezent qed jitlob jew jehtieg manteniment mighand il-konvenuta tenut kont l-impieg stabbli u l-quantum tas-salarju mensili tieghu.

It-talba tal-konvenuta ghall-manteniment ghaliha ser tigi trattata fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 67/17RGM deciza kontestwalment.

**Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.**

---

[9] Fol 22.
[10] Fol 33.

**Proprjeta' Immobiljari.**

Il-Perit Legali ghamel referenza ghad-diversi stimi, li ppresentaw il-partijiet dwar iz-zewg propjetajiet immobbiljari taghhom.

Dwar il-fond **75, Versailles, Triq it-Tempesta, Qrendi** korrettement iddecida li jiehu l-average tal-istimi pprezentati u ghalhekk stabilixxa il-valur ta' din il-propjeta' fl-ammont ta' **€247,500.**

Il-fond, originarjament ta' villegjatura **73, Dawret il-Qalb Mqaddsa, Birzebbugia** gie stmat li jiswa mill-Perit Ronald Muscat Azzopardi fl-ammont ta' **€135,000.** Ghalkemm gew ipprezentati stimi ohra il-Perit Legali kkonkluda li kien ser joghoqod fuq din l-istima li saret min Perit u mhux minn xi Estate Agent.

Id-differenza fil-valuri taz-zewg propjetajiet hi ta' €112,500 li diviz bin-nofs jigi **€56,250.**

Il-konvenuta ddikjarat li hi tixtieq li tigi assenjata lilha d-dar ta' Birzebbuga fejn kienet ilha tghix snin shah, u fejn kienet ghamlet hafna spejjez u benefikati, apparti l-fatt li ma kinitx tiflah ghall-battikata li ggorr ghad-dar tal-Qrendi.

Mill-banda l-ohra l-attur iddikjara li kien dispost jmur fid-dar ta' Birzebbuga minghajr ma jipprettendi l-ebda ekwiparazzjoni minghand il-konvenuta.

Il-Perit Legali ikkonkluda li d-dar ta' Birzebbuga ghandha tigi assenjata lill-attur, mentri d-dar tal-Qrendi ghandha tigi assenjata lill-konvenuta ghaliex fil-fehma tieghu tali soluzzjoni hija aktar vantaggjuza, billi altrimenti, jekk id-dar ta' Birzebbuga tigi assenjata lill-konvenuta, l-attur jkollu jhallasha l-ammont ta' €56,250. Dwar dan hu ddikjara "Dan huwa ammont wisq qawwi biex l-esponenti jaqbel mieghu".[11] Il-Perit Legali, in oltre, irrileva li l-konvenuta, jekk ma tridx tghix fid-dar tal-Qrendi, tista' dejjem tbieghha, tixtri propjeta' ohra band'ohra u zzomm id-differenza jekk ikun hemm.

Minn ezami tar-rapport peritali huwa evidenti illi l-abbli Perit Legali tefa hafna piz lill-konsiderazzjoni li jigi evitat il-hlas ta' somma sostanzjali minn parti ghal l-ohra bhala ekwiparazzjoni; indubbjament din hi konsiderazzjoni importanti, pero' m'hiex l-unika cirkostanza li ghandha tigi kkunsidrata. Ghandu jittiehed kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ghall-partijiet biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni aktar ekwa u gusta.

Skont il-Perit Legali, jekk il-konvenuta tigi assenjata d-dar ta' Birzebbugia, l-ammont li l-attur ikollu jhallas lill-konvenuta bhala ekwiparazzjoni hu 'wisq qawwi'. Filwaqt li f'cirkostanzi ohra fejn il-partijiet ghandhom it-tnejn dhul baxx, tali ragunament kien ikun altru milli gustifikat, mhux l-istess jista' jinghad fil-kawza odjerna.

[11] Fol 1423.

L-attur jahdem bhala Air Traffic Controller b'paga tajba hafna fuq medda twila ta' snin. Din il-paga baqghet dejjem tizdied matul is-snin.

Kif jirrizulta mid-Dok PA1 ezebit fil-kawza fl-ismijiet inversi Numru 67/17RGM,[12]ghas-sena 2017 l-attur rceva bhala **paga net** mill-impieg tieghu s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Jannar 2017 | - | €5,641.71. |
| Frar 2017 | - | €6,495.59. |
| Marzu 2017 | - | €6,399.53. |
| April 2017 | - | €7,159.16. |
| Mejju 2017 | - | €8,506.77. |
| Gunju 2017 | - | €7,590.47. |
| Lulju 2017 | - | €9,135.16. |
| Awissu 2017 | - | €6,632.43. |
| Settembru 2017 | | €9,951.88. |

Jirrizulta ghalhekk li bil-paga li ghandu mill-impieg tieghu, medja ta' **dhul net** ta' sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) fix-xahar, l-eventwali hlas minnu lill-konvenuta tal-ekwiparazzjoni fl-ammont stabbilit mill-Perit Legali ta' €56,250 ma ghandux jikkostitwixxi piz finanzjarja insormontabbli ghall-attur.

Il-Qorti ikkonsidrat illi l-partijiet ilhom 'de facto' separati mis-sena 2009, cioe' disa' snin. Dan iffisser li ghal dawn l-ahhar disa' snin, li huwa zmien relattivament twil, l-attur kien qed jghix fid-dar tal-Qrendi u l-konvenuta kienet qed tghix fid-dar ta' Birzebbuga.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, tenut kont tal-fattispeci partikolari ghal dan il-kaz, lill-attur qed tigi assenjata d-dar tal-Qrendi u lill-konvenuta qed tigi assenjata d-dar ta' Birzebbuga b'dan li l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta bhala ekwiparazzjoni l-ammont ta' sitta u hamsin elf, mitejn u hamsin ewro (€56,250) fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

**Effetti mobbli tal-Komunjoni.Kontijiet Bankarji.**

L-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu elenka s-segwenti kontijiet bankarji f'ismu kif ukoll 'joint' mal-konvenuta:[13]

BOV Savings Foreign Current Account b'bilanc ta' GBP 85.68.
BOV Equity Linked Deposit Account b'bilanc ta' GPB 2000.94.
HSBC Foreign Current Account b'bilanc ta' GPB 517.55.
HSBC Current Account b'bilanc ta' Euro 48.40.
HSBC Savings Account b'bilanc ta' Euro 36.17.

Dwar il-kontijiet bankarji, f'para 58 tar-relazzjoni tieghu ippropona li kull parti ghandha tibqa' zzomm il-kontijiet li hemm f'isimha, u dawk li huma 'joint' bejn

[12] Fol 51 et seq.
[13] Fol 1096.

il-partijiet ghandhom jinghalqu u l-ammonti bilancjali f'dawn il-kontijiet ghandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

L-attur jippretendi li l-konvenuta ghandha tirrifondi l-ammont ta' €5,704.50 nofs l-ammont ta'€11,408.93 li hi sbankat bi prokura antika minghajr il-kunsens tieghu. Il-konvenuta, mill-banda l-ohra tilmenta li l-attur zarma l-kontijiet bankarji. Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2011, mizmuma mill-Perit Legali,[14] l-konvenuta ddikjarat li zbankat mill-BOV Fixed Deposit l-ammont ta' elf lira Maltin, billi ma kellhiex flus ghat-tfal u f'dak iz-zmien ma kienitx qed tircevi manteniment. Gibdet ukoll elfejn Euro mill-kont tar-ragel, billi l-flus tat-tifla li kienu f'kont f'isem l-istess konvenuta, l-attur gibidhom u poggihom f'kont f'ismu biss. Hi cahdet li gibdet l-ammont ta'€5,000. Il-konvenuta, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, [15] titlob nofs il-flus li kien hemm fil-Banek u tghid li "A hataf taht idejh u li dawn saru waqt iz-zwieg u gibidhom kollha waqt s-separazzjoni bil-mohbi tieghi, naf sgur b'kont ta' 7,000 Euro u li dawn ghadhom ghandu. A kien dak li jiehu hsieb il-kontijiet bankarji minn meta izzewwgna". Fl-isfond ta'dawn l-akkuzi reciproci, il-konkluzjoni tal-Perit Legali dwar il-kontijiet bankarji jixraq li tigi adottata.

Dwar vetturi, l-attur, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu gia' citata, ddikjara li l-komunjoni kellha vettura Hyundai Excell tas-sena 1992 li hi 'garaged' u ghandha valur negligibbli; karozza Mitsubishi Pajero tas-sena 1999 li hi assigurata ghall-valur ta'€5,000; dghajsa Kaptan tat-13 il-pied bil-mutur b'valur ta' madwar €500; mutur Honda 70 bil-valur ta' €400.

IL-Perit Legali irrakkomanda, [para 59 tar-relazzjoni], li kull parti ghandha izzomm il-vettura li tinsab f'idejha u dan minghajr ekwiparazzjoni u lill-attur ghandhom jigu assenjati d-dghajsa u l-mutur.

Billi hemm diskrepanza kbira bejn il-valuri tal-vetturi, fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar r-ripartizzjoni tal-istess fi zmien tlett xhur millum, dawn ghandhom jinbieghu taht l-Awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Dwar il-Polza tal-Assikurazzjoni mizmuma mal-Middlesea Valletta Life Insurance Co. Ltd. li waslet sabiex timmatura il-Qorti tordna lill-attur sabiex ikompli jhallas il-premium sad-data tal-maturazzjoni taghha b'dan illi ir-rikavat konsegwenza tal-maturazzjoni tal-polza ghandu jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet. Il-Qorti qed taghti din l-ordni konformement ma' dak deciz supra fl-applikazzjoni in parte tal-Artikolu 48 (1) (c).

Ghall-istess raguni l-Qorti qed tirrigetta l-pretensjoni tal-attur[16] li l-konvenuta thallsu nofs il-premium li thallas minnu mis-sena 2009 fl-ammont ta'€4,900.

Dwar il-kont tad-dawl u l-ilma ghall-fond ta' Birzebbuga ghall-perjodu mill-4 ta' Frar 2009 fl-ammont ta' €4,221.47, jirrizulta li dan il-fond ma intuzax mill-attur

---

[14] Fol 1155.
[15] Fol 1116.
[16] Fol 1097.

fil-perijodu imsemmi izda mill-konvenuta kif ukoll minn ulied il-partijiet. Ghalkemm il-Perit Legali kkonkluda li dawn il-kontijiet ghandhom jithallsu esklussivament mill-attur, huwa gust u ekwu li tenut kont li l-attrici kienet qed tikkonsma s-servizzi thallas nofs il-kontijiet filwaqt li l-konvenut ihallas in-nofs l-iehor. Tordna wkoll li b'effett immedjat il-kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq il-post ta' Birzebbugia ghandu jigu registrati f'isem il-konvenuta.

Dwar flejjes parafernali tal-partijiet, il-Perit Legali kkonkluda li billi t-tnejn ikkontribwew bl-istess ammont dawn jpacu lill-xulxin u ghalhekk ma hemmx flejjes parafernali x’jittiehdu mill-partijiet.

Dan jaqbel mieghu l-attur li fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu,[17] jiddikjara li ghandu kreditu ta’ LM4,000 ekwivalenti ghal €9,317.49, u fil-paragrafu c) fil-parti Divizjoni jghid li hu ghandu jhallas lill-konvenuta l-istess ammont li jirrappresenta d-differenza fl-ammont ta’ flus li l-konvenuta harget meta xtraw d-dar matrimonjali.

L-attur jelenka tlett partiti ta’ ammonti dovuti lill-missieru ghal xogholijiet li dan ghamel kemm fid-dar ta’ Birzebbuga kif ukoll fid-dar tal-Qrendi. Dawn jommontaw ghal €11,402.28 u jissottometti li kull parti ghandha thallas lill-missieru n-nofs cioe’ l-ammont ta’€5,701.14.

L-konvenuta tghid li hi qatt ma inkarigat lill-missier l-attur jaghmel dan ix-xoghol, tant hu hekk li ma jezisti ebda ftiehem f’dan is-sens. Tghid ukoll li kienet giet kostretta titlob l-ghajnuna finanzjarja ta’ membri tal-familja taghha. Apparti kull konsiderazzjoni ohra, fosthom jekk originarjament kienitx l-intenzjoni ta’ missier l-attur li dan x-xoghol jsir gratuitament, kif tajjeb ikkonkluda il-Perit Legali, kull parti ghandha thallas lill-familjari li maghha hija relatata. Il-Qorti qed taghmel taghha din ir-rakkomandazzjoni.

**Mobbli tal-Komunjoni jew Parafernali**.

Dwar il-mobbli li jinsabu fid-djar, lill-attur qed jigu assenjati l-ghamara antika inkluzi pitturi u inkwadri li gew moghtija lill-attur minn missieru u li huma parti mill-wirt tal-familja ta' missieru.[18] Dwar mobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti l-partijiet ghandhom possibilment jaqblu fuq divizzjoni tal-istess u kull parti ghandha zzomm dawk l-oggetti li tixtieq, fejn ma jkunx hemm qbil l-oggetti jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Dan il-process ghandu jkun facilitat bil-fatt li kull parti qed tigi assenjata d-dar fejn ilha tghix ghal dawn l-ahhar 9 snin ghad-eskluzjoni tal-parti l-ohra.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenuta konformement ma' dak hawn deciz u tichadhom fil-kumplament :

[17] Fol 1096.
[18] Ara affidavit ta' Spiridione B.

1. Tilqa’ in parti l-ewwel talba tal-attur u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B u dan ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet; min-naha l-wahda minhabba vjolenza u ingurji gravi kommessi mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u mill-banda l-ohra minhabba eccessi u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta fil-konfront tal-attur.;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba ghar-raguni li ulied il-partijiet huma llum maggorenni;

3. Tichad it-tielet talba tal-attur fejn qed jitlob li jithallas manteniment minghand il-konvenuta, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba in kwantu din tirreferi ghall-manteniment ghat-tfal mill-konvenuta, billi dawn huma illum maggorenni;

4. Tilqa' in parte r-raba’ talba tal-attur u tapplika in parte s-sanzjoni kontemplata fl-Artikolu 48 (1) (c) kontra l-konvenuta bil-mod kif spjegat supra taht l-intestatura "Artikolu 48 tal-Kap. 16".

5. Tilqa’ in parte l-hames talba tal-attur, tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett millum u tordna d-divizjoni tal-istess bil-mod kif deciz supra taht l-intestaura "Divizzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti." Ghal dan il-ghan tinnomina lin-Nutar Dottor A Bugeja l-istess nutar inkarigat mill-partijiet, sabiex jippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Keith Borg ghall-eventwali kontumaci.

6. Tilqa' in parte l-hames talba attrici bil-mod kif deciz supra

L-ispejjez, inkluzi dawk relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi, jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attur u nofs mill-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**